MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2009

Avviz Numru. 45/2008

**Tonio Fenech**

**vs**

**Felix Agius**

**Il-Qorti:**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur nhar il-ħdax(11) ta’ Frar 2008 fejn, previa li din il-Qorti tiddikjara u tiddecidi li l-artikolu ‘*Euro 20,000 ghal ħabib iehor*’ ppublikat f’pagna 1 tal-gazzetta ‘Kulhadd’ tal-ghaxra (10) ta’ Frar, 2008 (Dok. ‘A’) li taghha huwa editor, huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tal-attur billi jikkontjeni allegazzjonijiet foloz illi ghandhom bhala skop, li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu u konsegwentement talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tiddetermina dina l-Qorti bhala danni morali a tenur tal-artikolu 28 tal-Kap 248.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ‘n subizzjoni.

Rat ir-risposta ta’ Felix Agius fejn espona reverentement is-segwenti:-

1. Illi l-eccipjent jeccepixxi li ghandu jigi ndikat fl-ewwel lok, il-kapacita tieghu li fiha gie citat l-istess konvenut.

2. Illi qabel xejn ghandu jigi ppruvat li l-istess Felix Agius, fid-data li gie ppublikat l-artikolu, huwa kien l-editur tal-gazzetta ‘n kwistjoni.

3. Illi l-eccipjenti jecepixxi wkoll li l-artikolu ndikat, huwa bbazat fuq verita tal-fatti.

4. Illi l-artikolu de quo, minghajr pregudizzju a suespost, jikkostitwixxi ‘*fair comment*’ f’socjeta demokratika.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**L-attur Tonio Fenech** xehed nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta’ Gunju 2008, w esebixxa dokument li jindika li l-konvenut kien l-editur tal-gazzetta ‘Kulhadd’ nhar l-ghaxra (10) ta’ Frar 2008, dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok. ‘X’.
In segwitu huwa ghamel referenza ghall-artikolu li deher f’dan l-istess gazzetta, liema artikolu jinsab esebit fl-atti a fol. 2 tal-process. Jghid li l-istorja li hareg biha ‘l-Kulhadd’ hija gidba ghaliex filwaqt li vera Peter Busuttil ha s-somma ta’ circa ghoxrin elf euro mill-‘Good Causes Fund’ jispjega li din ma marritx ghal kampanja kif indikata f’din il-gazzetta f’dan l-artikolu, u cioe ghal reklamar t’attivita kummercjali, ghal skop promozzjonali, ghal *club* tal-*football* tad-distrett tieghu, izda gie moghtija ghall-attivita kulturali u cioe il-*play* “Waiting for Godot” u din l-attivita nzammet madwar is-swar tal-Imdina. Jelabora u jghid li din l-attivita saret ghal skop filantropiku u dan sabiex jingabru l-flus ghal ‘Puttinu Cares’ w ir-Razzett tal-Hbiberija w ghalhekk, l-allegazzjoni li hu jaghti premju lil xi hadd li huwa habib tal-Partit Nazzjonalista, m’huwiex minnu u tali allegazzjoni hija ghalhekk malafamanti fil-konfront tieghu u kien ghalhekk li pprezenta dan il-libell.

**Il-konvenut Felix Agius** xehed nhar il-ħdax (11) ta’ Dicembru 2008 fejn ighid li l-informazzjoni li nghata minn interpellanza parlamentari, waslitu sabiex jikteb l-artikolu li effettivament kiteb u cioe dak esebit a fol. 2 tal-atti. Jghid li r-risposta li ircieva nhar l-ghaxra (10) ta’ Lulju 2007 ghall-interpellanza parlamentari numru 25732, stqarret li effettivament l-Onorevoli Tonio Fenech, ghadda somma flus lil Peter Busuttil. Huwa esebixxa kopja tal-interpellanza li saret bhala Dok. ‘A’ kif ukoll ir-risposta li giet immarkata bhala Dok. ‘B’.

Jispjega li fuq dan id-dokument, hemm lista t’ghaqdiet li nghataw ghajnuna mill-‘Good Causes Fund’ ghas-sena 2006, liema ghajnuna kienet ta’ natura finanzjarja. Mistoqsi jghid ta’ min hi s-socjeta ‘Red Ads’, il-konvenut jghid li hija proprjeta ta’ Peter Busuttil u fil-fatt esebixxi kopja ta’ dan l-estratt li gie mmarkat bhala Dok. ‘C’. Ikkonferma li s-socjeta ‘Red Ads’ nghatat is-somma ekwivalenti ghal ghoxrin elf euro ‘n konnessjoni ma xi organizazzjoni ta’ loghba tal-*football* u dan gewwa d-distrett ta’ B’kara. Is-socjeta ‘Red Ads’ kienet hadet hsieb l-organizazzjoni ta’ din il-loghba.

Nhar l-erbgha (4) ta’ Frar 2009, l-konvenut rega’ xehed u qal li huwa kien jahdem fil-Ministeru tal-Finanzi meta l-attur kien ghadu Segretarju Parlamentari u kien ghalhekk responsabbli ghall-‘Good Causes Fund’. Ikkonferma li ma kienet harget ebda sejha ghal xi offerta sabiex isir ix-xoghol li sar fis-swar. Ikkonferma li Peter Busuttil huwa attiv hafna fil-Partit Nazzjonalista u fil-fatt anke sahansitra ha sehem fil-kampanja elettorali u mexxa wkoll xi laqghat taħt it-tinda fis-sena 2003. Jiftakar ukoll li dak iz-zmien kien anke intervista lil Eccellenza Tieghu Dottor Edward Fenech Adami. Ikkonferma li s-somma t’ghoxrin elf euro, nghatat lil Peter Busuttil sabiex jghamel xoghol ta’ rekalamar li effettivament kienet ser issir loghba *football*. Qal li f’din il-loghba ma kienx hemm *team* taljan. Spjega li s-socjeta ‘Red Ads’ hija socjeta bhall-ohrajn, fis-sens li taghmel xoghol ta’ reklamar u disinn. Mhux l-ewwel darba li huma ghamlu kuntatt maghhom fuq xi reklamar li deher fil-gazetta. Qal li suppost pero, l-‘Good Causes Fund’

tghin lil ghaqdiet non governattivi u li ma jaghmlux profitti, fis-sens li ma jahdmux bi skop ta' profit, u fil-fehma tieghu, s-socjeta 'Red Ads' ma taqghax taħt dawn ir-rekwiziti, ghaliex hija socjeta kummercjali normali. Dan qalu wara li ghamel il-verifiki li kellu jaghmel mal-MFSA. Ikkonferma li mill-'Good Causes Fund' gieli bbenifikaw kemm il-Fondazzjoni Oasi f'Ghawdex u kemm l-Eden Foundation f'Malta.

Ikkunsidrat:-

Illi f'din il-kawza ma tantx tressqu provi mill-partijiet u dan ghaliex hemm biss ix-xhieda tal-partijiet tal-kawza u xi esibizzjoni ta' dokumenti. Il-Qorti hija rinfaccjata bix-xhieda guramentata tal-attur, li jghid li verament huwa taha is-somma t'ghoxrin elf euro mill-'Good Causes Fund' lil Peter Busuttil, izda din inghatatlu ghaliex kien qed jorganizza *play* bl-isem "Waiting for Godot' mas-swar tal-Imdina u l-introjtu ta' tali avveniment, kien sejjer lejn l-Eden Foundation u r-Razzett tal-Hbiberija.

Minn naha l-ohra, l-konvenut isostni li l-flus inghataw lis-socjeta 'Red Ads' sabiex saret loghba *football* fejn kien involut id-distrett ta' B'kara. Qal li s-socjeta 'Red Ads' hadet hsieb l-organizazzjoni ta' din il-loghba. Il-konvenut ghogbu jesebixxi wkoll l-interpellanza u twegiba li nghatat mill-Parlament dwar liema ghaqda jew socjeta hadet xi ghajnuna mill-'Good Causes Fund', u minn ezami ta' dan id-Dok. A esibit a fol. 23 et seq tal-atti, ma jirrizultax li din is-socjeta hadet din l-istess somma t'ghoxrin elf euro, izda somma ferm anqas ta' €8,850.

Dwar il-kwistjoni ta' prova, l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t'April 2003 fl-ismijiet **Ciantar Emanuel vs Curmi David noe** fejn inghad li:-

"*Fil-kamp civili, l-piz tal-prova, huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi*

*u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubbju f'min hu imsejjah biex jiggudika.*

*Huwa ben maghruf f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

*Fil-kamp civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju m'huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku t'azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."*

Illi l-attur ikkonferma li verament taha s-somma ta' circa ghoxrin elf euro lil Peter Busuttil, izda mhux ghal raguni moghtija fl-artikolu li deher fil-gazetta 'Kulhadd' nhar l-ghaxra (10) ta' Frar 2007, izda sabiex tittella *play* "Waiting for Godot" u kkonferma wkoll li d-dhul u profitti ta' din l-attivita, kellhom imorru ghal zewg orgainzazzjonijiet filantropici u cioe r-Razzett tal-Hbiberija u l-Eden Foundation. Huwa cahad b'mod kategoriku li huwa taha xi flus lil dan Peter Busuttil sabiex ighamel xoghol ta' promozzjoni ghal xi attivita li kienet organizata mill-klabb tal-*football* mid-distrett tal-attur. Din ix-xhieda tal-attur ma gietx kontestata mill-konvenut u lanqas effettivament ma ittanta jressaq xi prova kuntrarja ghal dak li sostna u qal l-attur. Il-konvenut qabad u rrepeta dak li kien qal fl-artikolu.

Il-konvenut ighid li huwa gab l-informazzjoni li ppubblika fl-artikolu, mit-twegiba t'interpellanza parlamentari li saret u li r-risposta taghha tinsab esebita f'dawn l-atti, pero bir-

rispett kollu lejn il-konvenut, ir-risposta li ghamel referenza ghaliha, ma taghtix l-informazzjoni li effettivament huwa ippublika.
Ikkunsidrat ulterjorment:-

Illi fost il-principji llum stabbiliti, jinghad illi l-iktar wiehed mill-importanti, huwa il-bilanc li jrid jinzamm bejn *"il-bzonn li fis-socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall liberta` li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f'socjeta` demokratika ghandu kull dritt li jgawdi"* **("Vincent Borg vs Victor Camilleri et." -** A.C. 15 ta' Novembru 1994. - LXXVIII.II.I.372.).

Illi huwa ghalhekk car li daqs kemm hija mehtiega l-liberta` tal-espressjoni, hekk ukoll hija essenzjali u huwa wkoll dritt inalljenabbli, li wiehed jipprotegi il-fama tieghu, bil-mezzi legali kollha disponibbli.

Illi kulhadd huwa liberu sabiex jaghti l-opinjoni tieghu u anke jaghti gudizzju tieghu, pero` tali espressjoni m'ghandha qatt twassal sabiex jigu attribwiti atti lil xi persuna, b'mod li jattakaw ir-reputazzjoni tal-istess u l-fama tieghu, meta tali atti lanqas ikunu veri. In effetti fis-sentenza **"Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja"** (P.A. N.A. 19 ta' Jannar 1996.) li:-
*"Il-linja medjana fejn proprio d-dritt t'espressjoni libera` taccedi dak ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor; huwa proprio … ... fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skorretti"*.

Illi f'dan il-kuntest, id-differenza bejn *"allegazzjoni ta' fatt"* u *"comment"* hija wahda llum stabbilita fil-giurisprudenza taghna. (***Cit Nru: 11/98/RCP 24 ta' Jannar 2002 (RCP).***
*"F'materja t'ingurja bl-istampa, ghandha issir distinzjoni bejn "allegation of fact" u dak li huwa "comment". Biex tirnexxi id-difiza tal-verita` tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-comment, biex ikun gustifikat, irid ikun "fair and bona fide", u ma jistax ikun "fair u bona fide" jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant, ma jkunx veru."* **(Reginald Miller vs Harold Scory -**XXXVI.IV.843).

Illi jehtieg li jsir ezami sabiex jigi stabilit dak li bniedem ordinarju fehem b'dak li gie rapurtat mill-editur, u dan fis-sens normali w ordinarju taghhom, u dan ifisser "*in the meaning which reasonable or ordinary men of ordinary intelligence, with the ordinary man's general knowledge and experience of world affairs, would be likely to understand them",* dan jista' jinkludi *"any implication or inference which a reasonable reader guided not by any special but only general knowledge and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the word*".**("Jones vs Skelton"** (1963) W.L.R. pg. 1371 (P.C.).

Il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-kaz, l-konvenut qabad u qal certu diskors, li ma kienx minnu, anzi kien falz w attribwixxa lill-attur fatti li ma kienux minnhom u bhala riisultat ta' dan, l-bniedem ordinarju fehem li l-attur iffavorixxa lil xi hadd ghar-ragunijiet personali tieghu, meta fil-fatt dan ma kienx minnu assolutament.

Illi l-Qorti thoss illi dawn it-tip t'artikoli xejn ma jaghmlu gieh la lil gazzetta nnifisha u wisq inqas lejn min qed jigi attakkat u l-Qorti ghadha twissi lil edituri sabiex qabel ma jaghmlu certi kummenti u kongetturi, ghandhom ighamlu ndagini tajba.

**Ghaldaqstant, il-Qorti tiddikjara li l-artikolu li deher fil-gazzetta 'Il-Kulhadd' nhar l-ghaxra (10) ta' Frar 2009 huwa malafamanti u libelluz fil-konfront tal-attur w ghalhekk taqbad u tillikwida d-danni sofferti minnu fl-ammont ta' tlett elef euro u konsegwentement tordna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma hekk likwidata ai fini ta' danni sofferti minnu.**
**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------